

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1877****tal-4 ta' Novembru 2019****li japprova emenda fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott għal Denominazzjoni ta' Orìgini Protetta jew Indikazzjoni Ġeografika Protetta "Valle d'Itria" (IĠP)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 99 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott tal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta "Valle d'Itria" li baġtet l-Italja f'konformità mal-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.
- (2) Il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-emenda fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, kif meħtieġ mill-Artikolu 97(3) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 <sup>(2)</sup>.
- (3) Il-Kummissjoni ma rċeviet ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 98 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li l-emenda fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott tiġi approvata skont l-Artikolu 99 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emenda fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-isem "Valle d'Itria" (IĠP) hija b'dan approvata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni  
F'isem il-President  
Phil HOGAN  
Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.<sup>(2)</sup> ĠU C 171, 20.5.2019, p. 6.